



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Mejju 2013 (22.05)
(OR. en)**

8945/13

**PUBLIC 23
INF 68**

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL JANNAR 2013

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'JANNAR 2013^{1 2}.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti legiſlattivi, b'mod partikolari:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- Ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi mwaqqfa bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati fil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att legiſlattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati fil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: <http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklużivament għall-finijiet tal-informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill: <http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes>

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
F'JANNAR 2013**

Proċedura bil-miktub kompletata fl-10 ta' Jannar 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 21/2013 tal-10 ta' Jannar 2013 li jestendi d-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 791/2011 dwar ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja kif ukoll jekk le ĠU L 11, 16.1.2013, p. 1–7	17728/12

Proċedura bil-miktub kompletata fl-14 ta' Jannar 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2013/37/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2013 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ĠU L 16, 19.1.2013, p. 16–17	18130/12

Proċedura bil-miktub kompletata fis-17 ta' Jannar 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 78/2013 tas-17 ta' Jannar 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Russja u mit-Turkija ĠU L 27, 29.1.2013, p. 1–9	17973/12

It-3217-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fi Brussell fis-17 ta' Jannar 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Mali	5369/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19–21	17412/12 + REV 1 (de)
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Mali għal ftehim dwar l-istatus tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea li tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)	5227/13
Proċeduri bil-miktub konklużi fis-21 ta' Jannar 2013	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tas-17 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma soġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54–153	18134/12
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tas-17 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex soġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1–53	18133/12

DIKJARAZZJONIJIET MAGĦMULIN FIR-RIGWARD TAŻ-ŻEWĠ ATTI T'HAWN FUQ:

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni

1. Ad Pjan għall-Ġestjoni tas-Sawrell tal-Baħar tat-Tramuntana

Sawrell (*Trachurus trachurus*) fid-Diviżjonijiet IIIa, IVb,c, u VIId (Stokk tal-Baħar tat-Tramuntana)

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-Kumitat Konsultattiv Reġjonali Pelaġiku (PELRAC) flimkien mal-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' ġestjoni għall-istokk tal-Baħar tat-Tramuntana tas-Sawrell. Sakemm jiġi żviluppat u evalwat dan il-pjan, il-Kummissjoni u l-Kunsill qablu, mingħajr ħsara għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Kunsill taħt l-Artikolu 293(1) TFUE, mal-proposta tal-PELRAC għal tnaqqis propozjonat fil-qabdiet biex tiġi sodisfatta r-rakkomandazzjoni tal-ICES ta' 25500t matul it-tliet snin li ġejjin. Ladarba jiġi evalwat, il-Pjan ser jiġi implimentat is-sena ta' wara.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni

2. Ad Stokkijiet Speċifiċi b'Data Limitata

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li r-regolamenti dwar l-opportunitajiet ta' sajd jinkludu għadd ta' TACs għal stokkijiet li dwarhom hemm informazzjoni limitata dwar l-istat tal-istokkijiet u li huma ta' importanza ekonomika baxxa, jew li jitqiesu biss bħala qabdiet aċċidentali, jew li juru livelli baxxi ta' utilizzazzjoni tal-kwoti. F'dawn il-każijiet, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu adatt li l-qabdiet jiġu limitati għal jew jinżammu taħt il-livelli tat-TAC stabbiliti għall-2013. Għal dan l-għan, mingħajr ħsara għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Kunsill taħt l-Artikolu 293(1) TFUE, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li jkun mixtieq li għall-istokkijiet imsemmijin hawn taħt, il-livell tat-TAC għall-2013 jinżamm għall-ħames snin li ġejjin.

Il-Kummissjoni ser tkompli taħdem mal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti sabiex tittejjeb l-informazzjoni xjentifika dwar dawn l-istokkijiet. Jekk il-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet tinbidel b'mod sinifikanti matul dan il-perijodu, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-livelli tat-TAC jkollhom jiġu rieżaminati u riveduti kif adatt.

Isem komuni	Unità tat-TAC
Linarda	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali II u IV
Linarda	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III
Merluzz	VIb (is-sotto-unità Rockall)
Lingwata komuni	VI, Vb, ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV
Lingwata komuni	VIIbc
Aringa	VIIef
Arġentina (silus)	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II
Arġentina (silus)	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III u IV
Lipp	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II
Lipp	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' V
Barbun tat-tbajja'	Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII, XIV
Barbun tat-tbajja'	VIIbc
Barbun tat-tbajja'	VIII, IX, X u CECAF 34.1.1
Pollakkju	Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII u XIV
Pollakkju	IX, X, CECAF 34.1.1 (UE)
Pollakkju (saithe)	VII, VIII, IX, X, CECAF 34.1.1 (KE)
Lingwata	VIIIcde, IX, X, CECAF (UE)
Laċċa kaħla	VIIde
Tusk	IIIa u UE 22-23
Tusk	KE I, II, XIV
Tusk	ilmijiet tal-KE ta' IV

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**3. Ad Trasferiment tal-isforz fil-każ tal-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi nazzjonali dwar is-selettività tal-merluzz**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li sakemm tiġi adottata leġislazzjoni tal-Unjoni għall-armonizzazzjoni tar-regolamenti ta' miżuri tekniċi tal-UE u tan-Norveġja fi Skagerrak, xi Stati Membri biħsiebhom jimplimentaw ċerti miżuri tekniċi proposti minn qabel fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom mingħajr ħsara għal-leġislazzjoni tal-UE. Konsegwentement, biex iwettqu s-sajd tagħhom fi Skagerrak, ser ikun meħtieġ trasferiment ta' sforz ta' sajd mill-grupp ta' rkaptu TR2 għall-grupp ta' rkaptu TR1. L-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri tekniċi msemmin hawn fuq fil-livell nazzjonali jistgħu jittrasferixxu dak l-isforz, f'konformità mal-pjan dwar il-merluzz, waqt li jittieħed kont tal-impatti mistennija tal-miżuri tekniċi dwar il-qabda għal kull unità ta' sforz -merluzz.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**4. Ad Pjan għall-Ġestjoni tal-Minfaħ**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li l-Kumitat Konsultattiv Reġjonali Pelaġiku żviluppa pjan pluriennali għall-ġestjoni tal-istokk tal-minfaħ. Mingħajr ħsara għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Kunsill taħt l-Artikolu 293(1) TFUE, jekk il-korpi xjentifiċi rilevanti jqisu dan il-pjan bħala wieħed ta' prekawzjoni, huwa jista' imbagħad jiġi segwit u jekk meħtieġ, titwettaq reviżjoni tat-TAC matul is-sena.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**5. Ad Pjan għal-Lingwata u l-Barbun tat-Tbajja'**

Il-limitu tal-isforz tas-sajd stabbilit mill-pjan pluriennali għal-Lingwata u l-Barbun tat-tbajja' fil-baħar tat-Tramuntana ma tnaqqasx għall-2013 fid-dawl taż-żieda kontinwa fl-abbundanza tal-istokk tal-Barbun tat-Tbajja'. L-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jintroduċu miżuri adatti għall-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd disponibbli b'mod li jiġi żgurat li dan ma jwassalx għall-isfruttament eċċessiv tal-istokk tal-lingwata.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**6. Ad Nuqqas ta' Qbil mal-Gżejjer Faeroe**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw in-nuqqas ripetut ta' ftehim bilaterali mal-Gżejjer Faeroe fid-diversi snin li għaddew. F'dan il-kuntest, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jeżaminaw fl-2013 il-konsegwenzi ta' din is-sitwazzjoni għall-Istati Membri kkonċernati.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**7. Ad Żviluppi tat-TACs għall-megrimis fiż-żona IV u fiż-żoni Vb, VI, XII u XIV**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-iżvilupp differenzjat tat-TACS għall-megrimis fil-Baħar tat-Tramuntana (IV) u fil-Punent tal-Iskozja (Vb, VI, XII u XIV), li jikkostitwixxu stokk uniku, huwa eċċezzjonalment għoli u japplika biss għall-2013. Barra minn hekk, dan ma jikkostitwixxix aġġustament fl-allokkazzjoni attwali ta' 35 % tat-TAC għall-Baħar tat-Tramuntana (IV) u ta' 65 % għall-Punent tal-Iskozja (Vb, VI, XII u XIV). L-ICES ser jiġi kkonsultat malajr kemm jista' jkun rigward dawk l-aspetti marbutin mad-distribuzzjoni ġeografika tal-istokk fiż-żoni kollha kkonċernati. Żvilupp differenzjat bħal dan bl-ebda mod ma jistabbilixxi preċedent li x'aktarx jikkomprometti l-osservanza tal-prinċipju tal-istabbiltà relattiva. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jafferimaw mill-ġdid in-natura intanġibbli ta' dak il-prinċipju, li jikkostitwixxi element fundamentali tal-politika dwar is-sajd.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill**8. Ad Iffissar tat-TACs għal xi speċijiet ta' ħajja qasira**

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tissottometti l-proposti tat-TACs separati għal kull stokk tal-ispeċijiet ta' ħajja qasira, wara li jingħata parir xjentifiku, ħalli l-Kunsill ikun jista' jadotta dawk il-proposti malajr kemm jista' jkun, u qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd għal kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**9. Ad L-ambitu tal-implimentazzjoni tal-miżuri tekniċi nazzjonali taħt l-Artikolu 13**

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-miżuri taħt l-Artikolu 13 għall-bastitmenti tagħhom fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**10. Ad Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT**

Sabiex titneħħa kwalunkwe kontradizzjoni l-Kummissjoni tipprevedi li tipproponi kmieni fl-2013 lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill kwalunkwe emenda neċessarja għar-Regolament 302/2009.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**11. Ad Ġestjoni tal-Porcupine Bank, Nephrops VII**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-informazzjoni addizzjonali provduta biex jittejjeb il-fehim xjentifiku tal-istokk ta' nephrops fiż-Żona VII. B'mod partikolari l-istħarriġ addizzjonali tal-Porcupine Bank identifika żieda fl-abbundanza tan-nephrops.

Sabiex ikun permess l-aċċess meħtieġ għas-sit, il-Kummissjoni taċċetta l-proposti ta' NWWAC li l-perijodu ta' għeluq għandu jiqsar minn 3 xhur għal xahar, li issa huwa mill-1 sal-31 ta' Mejju.

Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li l-aċċess addizzjonali ma jwassalx għal sajd eċċessiv għal dan l-istokk tal-fond bi produttività baxxa u ma jimpedixx il-bini mill-ġdid tal-istokk. Konsegwentement, dik il-parti korrispondenti għas-sotto TAC tinżamm fl-2013 biex jiġi limitat sfruttament eċċessiv possibbli. Madankollu l-Kummissjoni taqbel li tikkunsidra mill-ġdid iż-żamma ta' din is-sotto-TAC abbażi ta' valutazzjoni xjentifika ulterjuri u li tagħmel kwalunkwe aġġustament għat-TAC neċessarju matul is-sena.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**12. Ad Emenda għall-pjan tal-merluzz**

Il-Kummissjoni tinnota l-qbil rigward l-emenda għall-pjan tal-merluzz. Fid-dawl tal-fatt li jeħtieġ li jintlaħaq qbil għall-introduzzjoni ta' regolamenti dwar l-oportunitajiet tas-sajd fl-1 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni ma topponix li jiġi segwit il-pjan emendat meta jiġu ffixxati t-TACs u l-limiti tal-isforzi għall-merluzz għas-sena li gejjja, iżda tfakkar fid-dikjarazzjoni tagħha magħmula fil-Koreper fil-11 ta' Novembru u fil-Kunsill fit-18 u d-19 ta' Diċembru 2012.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u r-Renju Unit**13. Ad Evitar ta' qabdiet mhux mixtieqa fil-punent tal-Iskozja**

Ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li jinvolvu ruħhom ma' Stati Membri oħra attivi fis-sajd fil-Punent tal-Iskozja bl-għan li jiġu żgurati livelli baxxi komparabbli ta' qabdiet mhux mixtieqa u skart.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni, ir-Renju Unit, Franza u l-Irlanda**14. Ad Baħar Ċeltiku**

Is-sena li għaddiet ġew introdotti miżuri ta' selettività fil-Baħar Ċeltiku abbażi ta' proposta mill-Kunsill Reġjonali Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Majjistral li, waqt li kienu inqas selettivi minn daww identifikati mill-konsulenza xjentifika, intruduċew tagħmir aktar selettiv li seta' jiġi implimentat fil-pront. Il-proposta pprevediet il-valutazzjoni ta' dawn il-miżuri.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jaqblu li jwettqu analiżi ta' dawn il-miżuri fl-2013 bil-ħsieb li jiġi identifikat kwalunkwe titjib neċessarju fl-2013 wara diskussjoni mal-partijiet interessati.

L-Istati Membri, abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-analiżi u fej xieraq, ser jaqblu dwar aktar miżuri ta' selettività għat-tnaqqis tal-iskart fis-sajd imħallat tal-ħut abjad sa tmiem l-2013.

Dikjarazzjoni Konġunta mir-Renju Unit u l-Irlanda**15. AD Preferenzi tal-Aja**

Ir-Renju Unit u l-Irlanda jikkunsidraw li l-Preferenza tal-Aja tikkostitwixxi parti integrali mill-istabbiltà relattiva, li tirrifletti l-ħtieġa għas-salvagwardja tal-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni fejn il-popolazzjonijiet lokali huma dipendenti b'mod speċjali mis-sajd u l-industriji relatati. Dan huwa speċifikament rikonoxxut fil-politika Komunitarja tas-sajd u kien stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 170/83 u r-Regolament tal-Kunsill Nru 3760/92. Għe ddikjarat għal darb'oħra fir-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi**16. AD Preferenzi tal-Aja**

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri finalment intlaħaq qbil dwarhom fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi ta' l-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

Dikjarazzjoni Konġunta mid-Danimarka, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u r-Renju Unit**17. Ad Mortalità mis-sajd għal stokkijiet ta' merluzz**

It-tnaqqis tal-mortalità mis-sajd għal stokkijiet ta' merluzz għandu jibqa' prijorità.

L-Istati Membri kkonċernati ser jindirizzaw din il-problema billi jiżviluppaw miżuri dwar it-tnaqqis tal-iskart u l-evitar tal-merluzz. Dan jista' jinkludi l-għażla tat-tagħmir, l-użu ta' strumenti ta' selettività, bidliet fiż-żmien u fejn jistadu l-bastimenti (żoni magħluqin u/jew perijodi magħluqin) kif ukoll sajd dokumentat għal kollox. Għal dan il-fini, l-Istati Membri ser jiżviluppaw u jimplimentaw pjanijiet għall-evitar tal-merluzz fl-2013.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

18. Ad Evitar ta' qabdiet mhux mixtieqa fil-punent tal-Iskozja

Ir-Renju Unit ħa passi importanti biex iwettaq l-impenji li jinsabu fid-Dikjarazzjoni tiegħu dwar miżuri ta' selektività magħmulin fil-Kunsill tal-Ministri ta' Diċembru 2011. F'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-2011, l-għażla tat-tagħmir, miżuri u miżuri dwar spazju ġew introdotti fil-Punent tal-Iskozja bl-għan li titnaqqas il-mortalità tal-merluzz għal livelli sostanzjalment aktar baxxi f'konformità mal-oġġettivi tal-pjan għall-irkupru tal-merluzz. B'kont meħud tar-riforma tal-PKS, ir-Renju Unit ser jikkonċentra fl-2013 fuq is-sajd fil-punent tal-Iskozja sabiex jikseb tnaqqis fil-qabdiet mhux mixtieqa u fl-iskart għal-livell u r-ritmu ekwivalenti għal dawk li nkisbu fil-Baħar tat-Tramuntana. Ir-Renju Unit ser jagħmel dan fil-kuntest ta' programm importanti ta' sħarriġ u ta' valutazzjoni li ser jitwettaq fi sħubija mal-industrija tas-sajd.

Fit-TR1 l-ekwivalenza tas-sajd ser tinkiseb permezz ta' programm ta' azzjoni pluriennali. Ser ikompli jittieħdu passi biex jiġi inċentivat is-sajd tal-bakkaljaw fiż-żona fin-nofsinar tal-latitudni ta' 59 grad, u b'dan il-mod jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa tal-merluzz li fil-parti l-kbira tiegħu jinsab fit-tramuntana ta' din il-linja. Fejn meħtieġ ser jiġu applikati miżuri ulterjuri f'kooperazzjoni mas-sajjieda biex titnaqqas il-mortalità mis-sajd minn sajd tal-merluzz li jsir fiż-żona tan-nofsinar tal-latitudni ta' 59 grad.

Fis-sajd tat-TR2 ir-Renju Unit ser iwettaq analiżi sħiħa tal-miżuri introdotti fl-2012, li ġew implimentati bis-sħiħ f'Ottubru 2012. L-oġġettiv tar-Renju Unit għall-2013 ser ikun li jinkiseb tnaqqis fil-qabdiet mhux mixtieqa u l-iskart, partikolarment tal-bakkaljaw u l-merlangu, ekwivalenti għat-tnaqqis li nkiseb fil-provi tal-miżuri tal-2012 fil-Baħar tat-Tramuntana, u ser jintroduċi miżuri addizzjonali jew alternattivi jekk il-konsulenza xjentifika tissuġġerixxi li dan huwa neċessarju.

Ir-Renju Unit jistenna li l-istadji ewlenin biex jinkiseb dan il-programm fl-2013 ser ikunu:

- Nofs l-2013: data li għanda tiġi pprovduta, u vvalutata fir-rigward tar-riżultati miksuba minn miżuri applikati fl-2012; u
- Ir-Renju Unit imbagħad ser jirrevedi din id-data mal-industrija tas-sajd u sħab oħra u jintroduċi kwalunkwe titjib li jista' jkun meħtieġ f'dak il-mument. Ser nikkunsidraw ukoll ir-riżultati li jhorġu mill-programm il-ġdid ta' sħarriġ u ta' valutazzjoni nnotat hawn fuq.

Dikjarazzjoni minn Franza

19. Ad Ħolqien ta' TAC għall-ispnott u t-trija tal-faxxi

Franza tafferma mill-ġdid is-sostenn qawwi tagħha għall-ħolqien ta' TAC għall-ispnott u t-trija tal-faxxi mill-2014. Iż-żieda fl-iżbart fis-snin reċenti jiġġustifika kompletament ir-raffurzar tal-qafas għall-qabdiet fil-livell tal-UE.

Franza hija favorevoli għall-ħolqien ta' TAC pluriennali fuq perijodu ta' tliet snin għall-ispnott u t-trija tal-faxxi (2014, 2015 u 2016). Għandha wkoll tiġi proġettata klawsola li tippermetti r-reviżjoni ta' dawk il-livelli ta' TAC biex jittieħed kont ta' kwalunkwe fattur xjentifiku ġdid.

Sabiex it-tendenza attwali lejn is-sajd Olimpiku ta' dawn iż-żewġ speċijiet tiġi limitata, Franza tikkunsidra li huwa essenzjali li qabdiet żbarkati mill-2011 ma jiġux ikkunsidrati fil-perijodu ta' referenza li għandu jintuża bħala l-bażi għall-allokazzjoni bejn l-Istati Membri.

Fir-rigward tal-ispnott, Franza tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li l-perijodu 2000 sa 2010 jintuża bħala l-perijodu ta' referenza.

It-3215-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2013

ATTI MHUX LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2013/48/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda ĠU L 21, 24.1.2013, p. 30–31	17870/1/12 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2012 'Ġestjoni ta' kunflitt ta' interess f'Aġenziji magħżula tal-UE'	17767/12
2013/53/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013 li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 22, 25.1.2013, p. 13–14	17702/12 + COR 1 (fi)
2013/54/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013 li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 22, 25.1.2013, p. 15–15	17704/12 + COR 1 (fi)
2013/55/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 22, 25.1.2013, p. 16–16	17705/12
2013/56/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/39/UE li tawtorizza lir-Repubblika Portugiża biex tapplika miżura derogatorja mill-Artikoli 168, 193 u 250 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 22, 25.1.2013, p. 17–18	17707/12 + COR 1 (fi) + COR 1 (da)

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/44/PESK tat-22 ta' Jannar 2013 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja ĠU L 20, 23.1.2013, p. 57–59	17232/1/12
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/46/PESK tat-22 ta' Jannar 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 20, 23.1.2013, p. 65–69	5073/13
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 49/2013 tat-22 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea ĠU L 20, 23.1.2013, p. 25–28	17501/12
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/45/PESK tat-22 ta' Jannar 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 20, 23.1.2013, p. 60–64	17827/12
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 50/2013 tat-22 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 20, 23.1.2013, p. 29–32	17830/12
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/43/PESK tat-22 ta' Jannar 2013 dwar il-kontinwazzjoni ta' attivitajiet tal-Unjoni f'appoġġ għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà ĠU L 20, 23.1.2013, p. 53–56	16971/12
2013/52/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2013 li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji ĠU L 22, 25.1.2013, p. 11–12	16977/12 + REV 1 (da)

It-3216-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fit-28 ta' Jannar 2013			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija	PE-CONS 51/1/12 REV 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
It-3218-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fil-31 ta' Jannar 2013			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET		
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Appoġġ tal-UE għal Bidla Sostenibbli f'Soċjetajiet fi Transizzjoni	17708/12		
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 85/2013 tal-31 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq ĠU L 32, 1.2.2013, p. 1–4	5014/13		
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/71/PESK tal-31 ta' Jannar 2013 dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ĠU L 32, 1.2.2013, p. 19–19	5019/13		
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/73/PESK tal-31 ta' Jannar 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ĠU L 32, 1.2.2013, p. 21–22	5576/13		
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 86/2013 tal-31 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) Nru 753/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan ĠU L 32, 1.2.2013, p. 5–6	5577/13		

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 32, 1.2.2013, p. 20–20	5321/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta "Li tappoġġa l-kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-integrazzjoni reġjonali fil-Magreb: l-Alġerija, il-Libja, il-Mawritanja, il-Marokk u t-Tuneżija	5451/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Mali	5787/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja	5628/1/13 REV 1